MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 463/2002

**Frangisku u Marianna Tonna**

**vs**

**Martin Zerafa**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat 15 ta' Lulju tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:**

**1. Iddikjarat xolt u terminat il-ftehim ta' lokazzjoni bejn il-partijiet kontendenti riportat fi skrittura datata 17 ta' Mejju 1997, stante morozita' fil-hlas tal-kera ai termini tal-artikolu (h) kif ukoll stante sullokazzjoni lil**

**terzi minghajr il-kunsens tal-atturi ai termini tal-artikolu (f) tal-istess skrittura;**

**2. Ordnat l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond numru tlieta (3), Triq Oratio Nelson, Qawra, San Pawl il-Bahar u ghal dan il-ghan tiffisa terminu qasir u perentorju;**

**3. Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Ottubru, 2001 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;**

**Ghall-finijiet ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi l-valur lokatizzju huwa ta' elf erba' mija u sittin lira Maltin, (LM1,460) fis-sena;**

**B'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-atturi ghall-hlas ta' arretrati ta' kera;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-12 ta' Novembru tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**